MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 733/2003

**Avviz Numru 733/03 AJD
Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Mario Borg**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' April 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-kkorporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm563.00) dovuti in kwantu ghal Lm127.72, ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma, u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, li jammonta ghal Lm440.28, fil-fond Blokk X Flat

4, Triq id-Deheb Fin, Qormi, ghall-perjodu minn qabel l-1989 sal-20 ta' Settembru 2002 skond il-kont numru 210513990 u d-dokumenti annessi (WSC1 u WSC2).

Bl-ispejjez, inkluzi Lm11.50 spejjez ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu, 2001, u bl-imghax kummercjali, kontra l-konvenut li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.
Ra li l-konvenut debitament notifikat naqas milli jidher u jipprezenta Risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Guido Pace Spadaro in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz huwa dovut.

Ghaldaqstant, peress li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm563.00), bl-imghax legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Awissu 2001, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------